REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1253

tat-28 ta' Ġunju 2018

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2016/2374 jistabbilixxi pjan għall-iskartar għal ċertu sajd bit-tkarkir tal-qiegħ fl-ilmijiet tal-Lbiċ

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 15(6) u 18(1) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandu l-għan li jelimina b'mod progressiv l-iskartar fis-sajd kollu tal-Unjoni bl-introduzzjoni tal-obbligu tal-ħatt l-art għall-qabdiet ta' speċijiet li huma soġġetti għal-limiti fuq il-qbid.

(2) Sabiex jiġi implimentat l-obbligu tal-ħatt l-art, l-Artikolu 15(6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta pjanijiet għall-iskartar permezz ta' atti delegati abbażi ta' rakkomandazzjonijiet konġunti żviluppati mill-Istati Membri b'konsultazzjoni mal-Kunsilli Konsultattivi rilevanti.

(3) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/2374 ([2]) stabbilixxa pjan għall-iskartar tal-ħut għal ċertu sajd bit-tkarkir tal-qiegħ fl-Ilmijiet tal-Lbiċ wara rakkomandazzjoni konġunta ppreżentata mill-Belġju, Franza, in-Netherlands, il-Portugall u Spanja (Il-Grupp tal-Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Lbiċ) fl-2016.

(4) Fit-2 ta' Ġunju 2017, il-Belġju, Franza, in-Netherlands, il-Portugall u Spanja ppreżentaw rakkomandazzjoni konġunta ġdida li ssuġġeriet għadd ta' emendi għall-pjan tal-iskartar. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament (UE) 2018/44 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/2374 ([3]).

(5) Fis-26 ta' Ottubru 2017, il-Grupp tal-Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Lbiċ kkomunika lill-Kummissjoni l-eżistenza ta' żball testwali fl-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2018/44 f'dak li għandu x'jaqsam mad-deskrizzjoni tas-sajd tal-merluzz soġġett għall-obbligu tal-ħatt l-art. Skont il-verżjoni attwali ta' dak l-Anness, is-sajd tal-merluzz imwettaq fid-diviżjonijiet VIIIc u IXa tal-ICES (il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar) bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u t-tartaruni huma soġġetti għall-obbligu tal-ħatt l-art jekk it-total tal-ħatt l-art tal-merluzz fil-perjodu 2014/2015 jaqbeż il-5 % ta' dawk l-ispeċijiet kollha li jinħattu l-art u aktar minn 5 tunnellati metriċi. Madankollu din il-kundizzjoni ma għadhiex applikabbli.

(6) Għalhekk hemm bżonn li jiġi korrett ir-Regolament Delegat (UE) 2016/2374 kif emendat permezz tar-Regolament Delegat (UE) 2018/44.

(7) Peress li l-iżball testwali ġie introdott fl-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2016/2374 permezz tar-Regolament Delegat (UE) 2018/44, u sabiex jiġi evitat kwalunkwe nuqqas ta' kontinwità u ta' inċertezza legali fl-applikazzjoni tal-obbligu tal-ħatt l-art, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu u jenħtieġ li japplika b'mod retroattiv mill-jum wara dak tal-applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2018/44,

([1]) ĠU L 354, 28.1.2013, p. 22.
([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/2374 tat-12 ta' Ottubru 2016 li jistabbilixxi pjan għall-iskartar tal-ħut għal ċertu sajd bit-tkarkir tal-qiegħ fl-ilmijiet tal-Lbiċ (ĠU L 352, 23.12.2016, p. 33).
([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/44 tal-20 ta' Ottubru 2017 li jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/2374 li jistabbilixxi pjan għall-iskartar għal ċertu sajd bit-tkarkir tal-qiegħ fl-ilmijiet tal-Lbiċ (ĠU L 7, 12.1.2018, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fir-raba' kolonna tat-tabella "3. Sajd tal-merluzz (*Merluccius merluccius*)" tal-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2016/2374 il-kliem:

"Bastimenti li jissodisfaw il-kriterji kumulattivi li ġejjin:

1. Jużaw malja tax-xbieki ta' 70 mm jew akbar

2. Il-ħatt l-art totali tal-merluzz fil-perjodu 2014/2015 [1] jikkonsisti minn: aktar minn 5 % ta' dawk l-ispeċijiet kollha li jinħattu l-art u aktar minn 5 tunnellati metriċi."

tiġi sostitwita b'li ġej:

"Jużaw malja tax-xbieki ta' 70 mm jew akbar".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2018.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Ġunju 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER